

22005X0722

L 192/88

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

22.7.2005

Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 4/2004 tal-Kunsill konġunt ta' l-UE-Messiku, dwar modifiki għad-Deċiżjoni 2/2001 tal-Kunsill konġunt

Il-partijiet kontraenti ġew notifikati bil-qbil dwar il-proċeduri meħtieġa għad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni Nru 4/2004 tal-Kunsill konġunt ta' l-UE-Messiku, adottata mill-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea waqt il-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2004, id-deċiżjoni tidħol fis-seħħ fit-18 ta' Mejju 2005, skond l-Artikolu 3 ta' din id-Deċiżjoni.

Informazzjoni dwar id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll għall-Ftehim dwar l-Istabilizzazzjoni u l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, minn naħa l-oħra, dwar Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteciġazzjoni ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-programmi Komunitarji

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' l-Istabilizzazzjoni u l-Assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, minn naħa l-oħra, dwar il-Ftehim Kwadru bejn il-Komunità Ewropea u dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteciġazzjoni ta' dik li qabel kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja fil-programmi Komunitarji ⁽¹⁾, iffirmat fi Brussel fit-22 ta' Novembru 2004, daħal fis-seħħ fid-29 ta' Ġunju 2005, skond l-Artikolu 10 tal-Ftehim.

(¹) Ara paġna 23 tal-ĠU L 192, 22.7.2005.